# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(AGENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Frar, 2019**

**Numru 1**

**Rikors Kost: 97/2017MH**

**Olena Verbytska Caruana**

**v.**

**Avukat Generali et**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici Olena Caruana Verbytska [l-attrici], minn zewg digrieti moghtija fit-23 ta' Mejju, 2018, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghhom dik il-Qorti (i) cahdet it-talba tal-attrici sabiex

il-proceduri quddiem dik l-ewwel Qorti jipprocedu bil-lingwa Ingliza u, (ii) laqghet it-talba tal-konvenut l-Avukat Generali [l-konvenut] ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-istess Qorti fejn intlaqghet it-talba ghal *interim measure*.

Il-fatti.

2. Il-fatti relevanti sehhew hekk:

i. fit-28 ta' Novembru, 2017, l-attrici ntavolat rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn, filwaqt li talbet ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-ewwel Artikolu tal-ewwel Protokol u/jew tal-Artikolu 3 u/jew Artikolu 8 u/jew Artiklu 6 u/jew Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, talbet rimedju xieraq u opportun billi fost ohrajn tinghata "interim measure *pendente lite billi tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza f'Gunju 2016 fuq imsemmija kemm sakemm ikunu pendenti dawn il-proceduri kif ukoll sakemm tigi deciza*

*finalment il-kawza dwar it-testment ta' [zewgha] Paul Caruana"*;

ii. fid-29 Novembru, 2017, l-ewwel Qorti laqghet it-talba ghal *interim measure* sabiex b'hekk ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzjoni tal mandat ta' zgumbrament u konsegwentement l-ezekuzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta' Gunju, 2016;

iii. fis-7 ta' Dicembru, 2017, l-konvenut talab lill-ewwel Qorti tqis mill-gdid dak degretat fid-29 ta' Novembru, 2017, wara li tisma' l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

iv. fit-12 ta' Dicembru, 2017, l-attrici pprezentat rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn talbet sabiex il-proceduri jitmexxew bil-lingwa Ingliza;

v. fit-23 ta' Mejju, 2018, l-ewwel Qorti iddegretat iz-zewg rikorsi tal-partijiet rispettivi fejn iddecidiet billi: (i) irrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha ghall-hrug ta' i*nterim measure* (ii) cahdet ir-rikors tal-attrici sabiex il-proceduri jsiru bil-lingwa ngliza.

Ir-rikors tal-appell u r-risposta.

2. Illi l-attrici ressqet appell wiehed fil-mixja taz-zewg digrieti tal-ewwel Qorti fejn fissret l-aggravji taghha.

3. Fir-risposta tieghu, l-konvenut appellat issolleva preliminarjament in-nullita` tal-appell odjern ghaliex dan ma kienx jiswa tenut kont ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fisser li l-appell mid-digriet dwar il-lingwa ma kienx jiswa ghaliex ma ntalabx il-permess tal-ewwel Qorti kif jirrikjedi is-subartikolu (3) tal-artikolu fuq indikat wara li wiehed iqis li d-digriet interlokutorju moghti ma jaqax taht is-subartikolu (1) jew (2) ta' dak l-artikolu. L-appell mir-revoka ta' digriet kien sar hazin ghaliex tali appell, skont id-disposizzjoni tal-para. (k) tal-artikolu 229(1), ma jippermettix appell hlief wara li tinghata s-sentenza definittiva.

4. Billi, jekk tintlaqa' din l-eccezzjoni, l-appell jieqaf hawn il-qorti sejra tibda billi tqis din l-ewwel eccezzjoni.

<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

5. L-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, fil-partijiet rilevanti tieghu, ighid hekk:

> "229 (1) Appell minn dawn id-digrieti li gejjin jista' jsir biss wara l-ghoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva:
>
> (k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta' digriet, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu;
>
> (3) Hlief kif provdut specifikatament mod iehor f'dan il-Kodici, appell minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-kaz taghti permess specjali sabiex dan isir, liema permess ghandu jintalab b'rikors li jigiprezentat fi zmien ghaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miktub fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semghet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun ahjar u gust li l-kwistjoni tingieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tinghata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jigi prezentat tali appell ghandu jibda jghaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqghet li jsir dak l-appell".

6. Din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha fis-sentenza tas-26 ta' Jannar, 2018, fl-ismijiet **Steve Caruana v Lucy May Bailey**[1] li digriet intiz sabiex jirregola l-kwistjoni tal-lingwa hu wiehed interlokutorju u li l-appell minnu hu regolat mill-artikolu 229(3):

> "Din il-Qorti tosserva li huwa manifest illi d-digriet appellat inghata specifikatament biex jipprovdi dwar talba ad hoc li saret mill-intimata sabiex tigi regolata l-kwistjoni tal-lingwa li ghandha tintuza fil-proceduri odjerni, liema kwistjoni tikkonsisti f'kontroversja procedurali bejn il-kontendenti dwar il-lingwa li biha ghandhom jimxu l-proceduri. Ferm il-premess, id-digriet appellat huwa digriet interlokutorju par excellence li jirregola l-andament tal-kawza u bhala tali jaqa' sfiq fil-parametri tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 229(3) fuq citat.".

---

[1] Appell nru. 5/15PC.

7. Jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti appellanti ma talbet l-ebda permess kif jirrikjedi is-subartikolu 229(3) lill-ewwel Qorti sabiex tinterponi appell mid-digriet taghha tat-23 ta' Mejju, 2018, fejn din kienet cahdet it-talba sabiex il-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza.

8. Kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Catherine Balzan vs Tarcisio Balzan**[2], ir-rekwizit tal-permess gie introdott fis-sistema tal-procedura legali taghna sabiex jigi evitat l-abbuz tas-sistema li jwassal ghal dewmien inutili intiz sahansitra minn wiehed jew aktar mill-partijiet:

> "Huwa risaput li l-provvediment rigwardanti l-appelli minn digrieti [l-Art.229 Kap.12] gie ntrodott fis-sistema taghna biex jigu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiement tal-kawza fil-prim' istanza li diversi drabi l-uniku skop taghhom kien li jittawlu l-proceduri.
>
> Kien ghalhekk li l-legislatur hass li kellu jimponi dawk il-kazijiet fejn ma kellu qatt isir appell hlief mis-sentenza finali u dawk il-kazijiet, invece fejn kien assolutament necessarju li jsir appell qabel dak l-istadju ghall-prosegwiment gust u effikaci ta' dik il-kawza partikolari.
>
> Madankollu, dawn il-listi ma setghux jigu kompletati u kien ghalhekk, li f' kazijiet ohra, id-diskrezjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva giet imhollija f' idejn il-gudikant.".

9. Ghalhekk galadarba l-permess ma ntalabx mill-ewwel Qorti a tenur tas-subartikolu 229(3), il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-intimat hija

[2] Deciza 4 ta' Mejju, 2001.

gustifikata fil-ligi u għalhekk qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni u tiddikjara li l-appell mid-digriet dwar l-użu tal-lingwa Ingliża hu irritu u null.

10. Huwa null ukoll l-appell mid-digriet tal-ewwel Qorti tal-istess data fejn kien tħassar id-digriet tagħha għal *interim measure* rikjest mill-istess attriċi, u dan abbażi ta' dak li jgħid il-para. (k) tas-subartikolu 229(1) li ma jista' jsir l-ebda appell minn digriet dwar talba għar-revoka jew emenda ta' digriet ieħor qabel s-sentenza definittiva. Jirriżulta mill-atti li l-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti għadhom ma ngħalqux u s-sentenza għadha ma ngħatatx, u għalhekk l-appell mid-digriet in kwistjoni għadu ma jistax isir.

11. Issa l-attriċi fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-appell tagħha tissottometti li skont l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], il-partijiet għandhom dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in *Sede* Kostituzzjonali, tkun xi tkun in-natura tad-deċiżjoni appellata.

12. Is-subartikolu 4(4) tal-imsemmi Att jgħid:

> "Kull parti fi proċediment miġjub quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikollu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali."

13. Din il-Qorti tosserva li dak li qed taghmel riferenza ghalih l-attrici, irid jinqara u jiftehem fil-kuntest tal-Artikolu 4 fit-totalita` tieghu. Is-subartikolu (1) jibda biex jaghti d-dritt lil kull persuna li tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha li titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju; is-subartikolu (2) warajh ikompli jaghti l-poter lil dik il-Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi dik it-talba u taghti dawk l-ordnijiet sabiex tizgura d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali ta' dik il-persuna; is-subartikolu (3) tal-istess artikolu jipprovdi ghal meta tqum xi kwistjoni dwar ksur quddiem qorti ohra fejn din tal-ahhar ghandha tibghat il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal decizjoni. Dan kollu jista' biss jiftehem li qed isir fil-kuntest ta' proceduri li jwasslu mhux ghal digriet interlokutorju izda ghal sentenza jew decizjoni li fin-natura taghha ma tkunx rivedibbli jew revokabbli mill-qorti li tkun tatha. B'hekk il-parti li ma taqbilx ikollha dritt li tappella ai termini tas-subartikolu 4(4) ta' dik il-ligi minghajr il-permess tal-ewwel Qorti.

14. Fil-kaz odjern, iz-zewg digrieti li nghataw mill-ewwel Qorti huma ghal kuntrarju digrieti li jistghu jithassru minn dik il-Qorti li tkun tathom u mhux bis-sahha ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Din id-distinzjoni giet spjegata b'mod car u konciz fis-sentenza tal-Qorti tal-

Appell tal-4 ta' Mejju, 1992, fl-ismijiet **Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali:**

> "Wiehed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwi digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jigi rrevokat contrario imperio mill-Qorti li tkun ipproferitu, dan ma jistax isir fil-kaz ta' sentenza".

15. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tispjega l-karatteristici kollha ta' digriet interlokutorju fis-sentenza fl-ismijiet **Ryan Briffa vs Avukat Generali**[3]:

> "Ordnijiet, atti jew direttivi bhal dawn, mahruga mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili qabel id-decizjoni tal-mertu tat-talba maghmula skont l-Artikolu 4(1) imsemmi,kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellant, ma jistghux ikunu hlief interlokutorji ghaliex jigu necessarjament inizjati mal-andament tal-kawza, ihallu ghal kollox miftuh id-dibattitu fil-mertu tar-rikors, ma hux ta' natura definittiva, u necessarjament jippresta ruhu li jigi mibdul mill-Qorti.".

16. Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkunsidra l-eccezzjoni tan-nullita` bhala gustifikata fil-ligi u ghalhekk timmerita li tigi milqugha. FiC-cirkostanzi m'hemmx aktar il-htiega li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji formanti l-bazi tal-appell.

Decide

[3] Appell nru. 83/2012, deciz 13 ta' Gunju, 2013.

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tiddikjarah irritwali u null.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri | Anthony Ellul |
| Agent President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr